MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1296/2004

**Salvatore Agius**

**Vs**

**Mark Aquilina**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-attur li bih talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur l-ammont komplessiv ta’  901.13 Euro (tlett mija, sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm386.75)) rapprezentanti danni kkawzati fl-vettura tat-tip Fiat Uno li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni DAP 426 proprjeta’ ta’ l-istess attur u dan bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta’ Ottubru, 2003 fi Triq il-Magna tas-Serrar, Msida, meta l-vettura tal-konvenut tat-tip Isuzu bin-numru ta’ registrazzjoni CAS 934 baqghet diehla u kkawzat hsarat ghall-liema danni huwa responsabbli il-konvenut. Salvi eccezzjonijiet ohra kemm-il

darba jkun il-kaz u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Jannar, 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ l-ittra ufficjali sad-data tal-hlas eventwali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur, stante illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, billi l-azzjoni de quo hija wahda ta’ natura personali u ghalhekk kellha tigi diretta mhux fil-konfront tal-konvenut odjern, illu huwa s-sid ta’ l-istess vettura, izda fil-konfront ta’ min effettivament ikkaguna d-dannu u dan stante illi l-vettura di proprjeta’ tal-konvenut kienet giet misruqa.

Ra x-xhieda ta’ Luciano Caruana li huwa mpjegat bhala *claims officer* mas-socjeta’ assikuratrici Fogg Insurance Agency Limited. Il-vettura tal-konvenut kienet assikurata maghha “fully comprehensive.” Jispjega li l-assikurat kien infurmahom li kienu serqulu l-karozza u t-terza persuna li kienet ghamlet dan kienet habtet go vettura ohra.

Jghid li ma kienux qalulhom li l-krozza kienet sgassata u ghalhekk ir-riparazzjonjiet saru biss fuq id-daqqa u mhux fuq is-sgass tal-bibien.

Ra x-xhieda ta’ Francis Fenech li kkonferma li hu kien sewwa il-vettura tal-attur u kkonferma ukoll li l-istess attur kien hallas il-kont.

Ra x-xhieda tal-attur li huwa proprjetarju tal-vettura DAP 426. Huwa xehed illi  fis-7 ta’ Ottubru, 2003 kien involut f’incident waqt li l-vettura tieghu kienet ipparkjata quddiem il-bieb tad-dar tieghu. Meta qam filghodu kien sab il-vettura mkissra. Irrizulta li s-sid tal-vettura u cioe’ l-konvenut ammetta li kien halla c-cavetta fil-post u kien halla l-van miftuh. Min habat go l-attur kien harab.

Ra x-xhieda ta’ PS 909 Paul Buhagiar li jghidli ma rrizultalux min kien qed isuq il-van, pero’ rrizulta li dan kien gie misruq u li kien appartjeni lil Golden Harvest Ltd.

Is-sewwieq tal-van kien ammetta mieghu li hu kien halla l-van miftuh u c-cwievet kien hallihom wara s-*sun visor*.

Ra x-xhieda ta' Anthony Savona li jikkonferma li Fogg Insurance ma kienux hallsu il-*claim* fuq il-vettura ta' l-attur u dan minhabba li ma kienx maghruf min kien ix-xufier tal-vettura CAS 934.

Ra x-xhieda ta' Alfred Farrugia li esebixxa s-*survey report*.

Ra x-xhieda tal-konvenut li huwa direttur tas-socjeta' Golden Harvest Manufacturing Company Ltd u jispjega li l-incident li sehh bil-van li jgib in-numru ta' registrazzjoni CAS 934 li kien registrat fuq ismu bhala direttur tal-kumpanija. Jghid li c-cwievet tal-karozza kienu jinsabu ghand impjegat Joseph Aquilina.

Ix-xhud jixhed li meta nsterqet il-karozza ma kienx sar sgass. Jidher mir-rapport li sar Aquilina kien halla c-cwievet wara s-*sun visor*, minkejja li jsostni li ma kienitx prassi tal-kumpanija li jitpoggew ic-cwievet wara s-*sun visors*.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-eccezzjonjiet tal-konvenut huma ta' natura procedurali.

Il-konvenut jissottometti li hu mhux il-legittimu kontradittur ghaliex il-vettura tieghu van b'numru ta' registrazzjoni CAS 934 kienet insterqet meta sehh l-incident fis-7 ta' Ottubru, 2003.

Mill-provi prodotti kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut jirrizulta li s-serq tal-van mhuwiex kontestat. Il-van kien registrat f'isem il-konvenut u kien jintuza ghal Golden Harvest Limited, ta' liema socjeta' l-konvenut huwa direttur.

Sakemm saret is-serqa, il-van kien qieghed fil-pussess tal-impjegat tas-socjeta' Joseph Aquilina u dan ammetta

kemm mal-pulizija, kif ukoll mal-*employer* tieghu li hu kien pparkja l-vettura quddiem id-dar tieghu u li sahansitra ma kienx sakkar il-karozza u kien halla c-cwievet wara s-*sun visor* tal-van.

Din per se dan jammonta ghal agir negligenti li rrenda il-vettura de quo aktar suxxetibbli ghas-serq billi il-vettura thalliet miftuha u inoltre bic-cwievet accessibbli ghal terzi.

Aktar minn hekk sabiex il-konvenut ikun l-legittimu kontradditur jehtieg li jkun hemm in-nexus guridiku bejn l-attur u l-konvenut li certament kien ikun il-kaz kieku l-incident, mertu tal-vertenza odjerna sehh meta l-vettura kienet f'idejn l-istess konvenut jew f'certi cirkostanzi impjegat tieghu.
Pero' hawn si tratta ta' vettura li fil-mument tal-habta kienet fil-pussess ta' terza persuna injota li serqet il-van, proprjeta' tal-konvenut qua direttur tas-socjeta' Golden Harvest Limited u konsegwentement ma tistax tigi attribwita l-ebda responsabbilita' lejh ghal incident li sehh mal-vettura tal-attur, meta l-istess vettura ma kienitx aktar fil-pussess tieghu.

Lanqas ma saret xi talba ghal kjamat fil-kawza f'dan is-sens anke meta jirrizulta f'idejn liema impjegat kien il-van qabel insteraq. Il-kawza f'dan is- sens kienet tkun aktar kompluta, pero' ma saret l-ebda talba u l-attur illimita l-kawza kontra l-konvenut, anke meta gie notifikat bir-risposta tieghu meta ma ingiebet ebda prova li talvolta tista' tikkreja dak in-ness guridiku essenzjali biex il-konvenut jista' jitqies bhala legittimu kontradittur tal-attur.

L-eccezzjoni relattiva tal-konvenut li mhux il-legittimu kontradittur tal-attur qed tigi akkolta u konsegwentement it-Tribunal jirrespingi t-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------